# ‘Bord Indipendenti għall-Ilmenti Dwar il-Pulizija’

## ‘Independent Police Complaints Board’

RAPPORT ANNWALI TA’ ĦIDMA GĦAS-SENA 2021

1 ta’ Jannar – 31 ta’Diċembru 2021

Bl-Introduzzjoni tal-Att XVIII tat-12 ta’ Mejju 2017 daħlet fis-seħħ liġi ġdida dwar il-Pulizija, li fost ħwejjeġ oħra waqqfet dan il-‘Bord Indipendenti għall-Ilmenti Dwar il-Pulizija’.

Bis-saħħa ta’ dan l-Att il-Parlament abroga il-Kapitlu 164 li kien fis-seħħ sa dik id-data u minfloku daħħal Att ġdid dwar il-Pulizija; ma saret ebda riferenza għall-Bord tal-Pulizija li kien jeżisti sa dak iz-zmien iżda ġie mwaqqaf Bord gdid bl-isem “Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija”; fost il-kompiti ta’ dan il-Board, insibu ħafna minn dawk li qabel kienu fil-kompetenza tal-“Bord tal-Pulizija” preċedenti. B’ tibdil żgħir li sar aktar tard fil-liġi il-Bord ingħata id-dritt li jkompli jinvestiga l-każijiet li qabel kienu indirizzati lill-Bord tal-Pulizija.

Il-‘Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija’ huwa kompost minn *Chairman* u żewġ membri li jistgħu jitneħħew fuq il-parir tal-Onorevoli Ministru mingħajr il-ħtieġa ta’ Riżoluzzjoni Parlamentari kif kien mehtieg ghall-membri tal-Bord precedenti. Iż-żmien ta’ kemm il-membri jdumu fil-kariga, hu ta’ tlett snin. Il-Bord għandu Segretarju, li qabel it-tibdil fil-liġi kien ukoll jifforma parti mill-Bord bħala membru / Segretarju. Il-fatt li fil-preżent hemm biss Chairman u żewġ membri - numru żgħir - jagħmilha diffiċili sabiex wieħed jifforma quorum.

Il-Bord Independenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija għandu fost dmirijiet oħra, dak li jindaga u li jirrapporta fuq kull każ li jkun ġie mressaq quddiemu u kull opinjoni li jagħti hi essenzjalment konsultattiva; jekk ikun għamel xi rakkomandazzjoni, din tista' tiġi implimentata mill-Kummissarju jew ma tiġix; din hi l-istess pożizzjoni li kienet tapplika ghal kazi li l-'Bord tal-Pulizija' sema' għal aktar minn tmintax-il sena.

Minn barra dawk il-funzjonijiet li jixbħu dak li kien isir qabel, l-Att il-ġdid introduċa wkoll funzjoni ta' appell mid-deċiżjonijiet meħuda mill-'Bord ta' Dixxiplina tal-Korp'. Il-Board spjega li din il-funzjoni ma setghetx tigi imhaddma minhabba limitazzjonijiet li jesistu fil-komposizzjoni tieghu. Din il-funzjoni ġiet irtirata aktar tard permezz tal-emenda fil-Liġi Numru 110 tas-6 ta' Diċembru 2019 kif ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru: 2031.

Il-laqgħat tal-Bord jinżammu fl-Ufficcju tiegħu f'Nru. 194/2 Triq il-Merkanti l-Belt, Valletta u l-Bord jirċievi l-ilmenti kemm f'dan il-post, kif ukoll fl-indirizz postali tiegħu f'Kaxxa Postali 202 Triq Sir Adrian Dingli Sliema SLD1000. Il-Bord jinvestiga wkoll każijiet li jitresqu quddiemu mill-Onorevoli Ministru u anke mill-Kummissarju tal- Pulizija.

Meta tinħass il-ħtieġa li jiġu ċċarati ċerti dettalji importanti jew ċirkostanzi li jgħinu fl-evalwazzjoni ta' każ, il-membri anki jmorru *on site* u jekk ikun meħtieg jittieħdu ritratti, ħalli l-każ ikun aktar spjegat.

Minħabba dan it-twessiegħ tal-funzjonijiet tal-Bord, l-Att kien ħaseb biex jipprovdi li l-Bord għandu jkun assistit minn Uffiċċju Legali u l-*personel* amministrattiv meħtieġ; jidher li għadhom għaddejjin il-proċeduri meħtieġa għall-impieg ta' dan

l-istaff u għalkemm għadda ħafna żmien, dawn l-ufficjali meħtieġa għadhom ma ġewx appuntati.

Il-Bord jinnota li matul din is-sena saru diversi laqgħat mal-Ministeru u dawn servew sabiex saru xi emendi fil-ligi biex jiġu irranġati, kif inghad, ċerti lakuni li kienu ta' importanza għall-amministrazzjoni tal-Bord, imma fadal miżuri oħra li jridu jittieħdu.

Il-Bord jifhem li fid-dawl tar-rakkomandazzjinijiet tal-Kummissjoni Greco li jidher li qed jiġu implimentati mill-Amministrazzjoni, iridu isiru emendi oħra fil-leġislazzjoni bl-iskop li dan il-Bord ikun jista' jimxi aħjar bl-attivita' tiegħu.

PROĊEDURA BIEX JINFETAĦ KAŻ

Biex ċittadin iressaq ilment quddiem il-Bord irid dejjem jagħmel dan bil-kitba, u m'hemm l-ebda diffikulta li ser jidħol f'xi spejjes għaliex sempliċi ittra tkun biżżejjed. Mill-esperjenza tal-passat, wieħed jinnota li quddiem il-Bord jaslu kwereli minn kull kategorija ta' ċittadini Maltin u anke barranin, fosthom professjonisti, turisti, studenti u membri tal-Korp.

Il-'Bord Independenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija', jirċievi wkoll ilmenti mingħand l-awtoritajiet kompetenti fosthom, l-Onorevoli Ministru, kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija, u dawn iwasslu għall-investigazzjonijiet li xi uhud minnhom ikunu jinvolvu sieghat u laqghat twal li jwasslu ghal rapporti ta' certa serjeta' u importanza anki nazzjonali.

KOMPOŻIZZJONI:

Permezz ta' notifika fil-'Gazzetta tal-Gvern' tat-18 ta' Diċembru 2020 il-President ta' Malta approva l-ħatra tal-Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija skont l-Artikolu 35 tal-Att dwar il-Pulizija (Kap 164), għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mit-18 ta' Diċembru, 2020.

Il-Bord jinsab kompost kif jidher hawn taħt:

Chairperson:
L-Onor. Imħallef Dr Franco Depasquale, K.C.S.G., B.A., LL.D.

Membri:
Capt. Reuben Lanfranco, CStJ, BA (Crim), M. Jur (Int Law), LL M (IMLI), Dip. Mar. Sur., FIFireE, FNI, FIIMS.

Is-Sur Michael Cassar

Segretarju:
E. T. Is-Sur John Spiteri M.Ed. Admin. & Man.

Staff Amministrattiv: xejn.
Staff Legali: xejn.

In-numru ta' każijiet ġodda li l-Bord irċieva matul is-sena kien ta' 12.

In-numru ta' każijiet / inkjesti magħluqa mill-Bord matul is-sena 2021 kien ta'10.

In-numru ta' laqgħat li saru mill-'Bord Independenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija' bejn Jannar u Diċembru 2021, kien ta'18-il laqgħa.

Ta' min jinnota ukoll li s-Segretarju tal-Bord attenda għal kull laqgħa tal-Bordijiet tad-Dixxiplina li saru fil-Quartieri tal-Pulizija u għamel dan bħala Osservatur.

KONKLUŻJONI:

Il-Bord jinnota li minħabba l-Pandemija tal-*Covid 19* li ħakmet lid-Dinja mill-2020 il-quddiem kien diffiċli ħafna li jiltaqa' u li jisma' quddiemu diversi xiehda. Minħabba f'hekk il-Bord żamm numru ta' laqgħat *'online'*, iżda għamel ukoll laqgħat fl-Uffiċċju tal-Belt Valletta ma' xiehda li kienu importanti għal eżitu ġust tal-investigazzjonijiet li kienu qed isiru.

Il-Bord jifhem u jiffaċċja d-difikultajiet mediċi li ninsabu għaddejjin minhom fil-mument. Il-Bord jittama' li fil-futur qarib

jkun jista' jkompli jaqdi d-doveri tiegħu skond il-liġi b'aktar effiċjenza u jkun dejjem ta' servizz akbar għall-pubbliku.

Justice F. Depasquale
Chairman

E.T. John Spiteri
Segretarju

4th April 202